**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **699/2023/1 (AD)**

**DR GERALDINE SPITERI (KI 309477M)**
**BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TAL-ASSENTI**
**BAREND BUITENDAG**
**(PASSAPORT BRITTANIKU NUMRU 533815953)**

**VS**

**DR KARL TANTI**
**LI AĊĊETTA L-BANDU *SEDUTA STANTE* NHAR IT-30 TA' MEJJU 2023**
**SABIEX JIDHER BĦALA KURATUR DEPUTAT SABIEX**
**JIRRAPPREŻENTA LILL-ASSENTI**
**LIQUID MEDIA GROUP LIMITED**
**(NUMRU TA' REĠISTRAZZJONI BC0304095),**
**AZZJONISTA UNIKA TA'**
**DIGITAL CINEMA UTD HOLDING LIMITED**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors ta' Dr Geraldin Spiteri, fil-kwalita' tagħha ta' mandatarju speċjali tal-assenti Barend Buitendag, ippreżentat fit-tnejn (2) ta' Mejju 2023, u

risposta tas-soċjeta' estera Liquid Media Group Limited ippreżentata fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 2023;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat fit-tnejn (2) ta' Mejju 2023, ir-rikorrenti noe talbet lil din il-Qorti sabiex iżżomm lis-soċjeta' intimata milli:

> **Tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi, jew tiddisponi sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta', b'mod partikolari elf u mitejn sehem ordinarju fil-kumpanija Digital Cinema UTD Holding Limited (C67755) ta' 260, Triq San Albert, il-Gżira, GŻR 1150, Malta, 100% paid up, b'valur nominali ta' Ewro (€1.00) kull sehem miżmum mill-kumpanija intimata Liquid Media Group Limited (Numru ta' Reġistrazzjoni BC0304095) fil-kumpanija Digital Cinema UTD Holdings Ltd.**

Dan sabiex tikkawtela **kreditu** fl-ammont ta' erba' mija u tmenin elf Ewro (€480,000), b'riserva għal spejjeż u imgħaxijiet ulterjuri, u fuq pretensjoni ta' **titolu** fuq danni kkaġunati lil Barend Buitendag u/jew kumpens lilu dovut ai termini tal-Artikolu 140(5) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, meta fl-24 ta' Marzu 2023 huwa ġie mneħħi minn Direttur tal-kumpanija Digital Cinema UTD Holding Limited (C67755) allegatament mingħajr ma ngħata d-drittijiet tiegħu ai termini tal-Artikolu 140(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar it-tnejn (2) ta' Mejju 2023 stess, wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Mejju 2023, l-Avukat Dr Karl Tanti informa lil din il-Qorti illi kien sar jaf bil-proċedura odjerna, u kien ser jaċċetta l-bandu għan-nom tas-soċjeta' intimata;

5. Permezz ta' risposta datata disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju 2023, is-soċjeta' intimata opponiet għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub, u dan għal diversi raġunijiet kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem.

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

7. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju 2023;

8. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Fatti tal-Każ**

9. Jidher illi huma fatti mhux kontestati illi Barend Buitendag kien Direttur tas-soċjeta' Digital Cinema UTD Holding Ltd, u illi Liquid Media Group Limited hija l-unika azzjonista ta' Digital Cinema UTD Holding Ltd;

10. Jirriżulta mill-atti illi infetħet investigazzjoni fil-konfront ta' Barend Buitendag minn Liquid Media Group Limited, fuq allegazzjonijiet ta' *sexual harassment* fuq il-post tax-xogħol. Minn hawn 'il quddiem, il-verżjonijiet illi qed tagħti kull parti tal-akkadut, huma dijametrikament opposti;

11. Is-soċjeta' Liquid Media Group Limited issostni illi sakemm kienet għaddejha l-investigazzjoni, hija talbet lir-rikorrent sabiex joħroġ fuq *administrative leave*, filwaqt li jibqa' jitħallas il-paga intiera dovuta lilu. Sussegwentement, Buitendag baqa' jġib ruħu b'mod u manjiera illi l-Bord tad-Diretturi ta' Digital Cinema UTD Holding Ltd ħass li ma kienx idoneu għal persuna li tgawdi l-kariga ta' Direttur tagħha, u informat lil Liquid Media Group Limited b'dan. Fl-10 ta' Jannar 2023, id-Diretturi ta' Liquid Media Group Ltd għaddew riżoluzzjoni unanima sabiex Buitendag jitneħħa mill-kariga tiegħu ta' Direttur b'mod immedjat. Buitendag iżda ppreżenta mandat t'inibizzjoni permezz ta' liema talab illi Digital Cinema UTD Holding Ltd, id-Diretturi tagħha, Liquid Media Group u d-Diretturi tagħha, ikunu

projbiti milli jipproċedu bit-tneħħija tiegħu mill-kariga ta' Direttur, iżda t-talba ta' Buitendag ġiet miċħuda minn din il-Qorti kif diversement presjeduta. Sussegwentement, is-soċjeta' Digital Cinema UTD Holding Ltd sejħet Laqgħa Ġenerali Straordinarja nhar l-24 ta' Marzu 2023 sabiex tiġi diskussa u jittieħed vot dwar it-tneħħija tar-rikorrent mill-kariga tiegħu ta' Direttur, u r-rikorrent ingħata f'din il-laqgħa d-dritt illi jiġi mismugħ qabel ma jittieħed il-vot dwar ir-riżoluzzjoni ai termini tal-Artikolu 140(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li ġie mismugħ Buitendag, ittieħed vot fil-konfront tiegħu, illi kkonferma t-tneħħija ta' Buitendag mill-kariga ta' Direttur;

12. Mill-banda l-oħra, Buitendag qed jikkontendi illi meta tneħħa mill-kariga ta' Direttur nhar l-24 ta' Marzu 2023: (a) l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu kienet għadha ma bdietx, u għalhekk ma kienx hemm bażi illi fuqha setgħet tittieħed id-deċiżjoni illi jitkeċċa; (b) il-paga li beda jirċievi ma kinitx waħda sħiħa, iżda ridotta; u (c) huwa ma ngħatax id-dritt illi jiġi mismugħ, b'dana illi ttieħdet deċiżjoni fil-konfront tiegħu mingħajr ma ġiet segwita l-proċedura fl-Artikolu 140(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

13. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tinnota illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni odjern ma saritx fil-forma "ġenerika" għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta bl-użu tal-Formola Numru 21 tal-iSkeda B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda fil-forma stabbilita fl-**Artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u cioe mandat sabiex jiżgura dejn jew pretensjoni illi tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€ 11,646.86) bl-użu tal-Formola Numru 25. Dan jirriżulta kemm mill-fatt illi r-rikors jindika minnu nnifsu fil-kantuniera ta' fuq fin-naħa tax-xellug tal-ewwel paġna illi huwa *"Mandat t'Inibizzjoni (fejn it-talba teċċedi €11,646.86)"*, kif ukoll mill-fatt illi ġew indikati fir-rikors il-kapijiet *"Kreditu"* u *"Titolu"* kif rikjesti mill-Formola Numru 25;

14. L-**Artikolu 874 tal-Kap 12** jistabbilixxi illi:

*(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.*

*[...]*

15. Id-distinzjoni bejn l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fit-termini tal-Artikolu 874 tal-Kap 12 u l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fit-termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12 ġiet senjalata fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Rose Marie Galea et vs Maria Dolores sive Doreen Desira et***[1], fejn ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta illi:

*Tajjeb jingħad illi l-Art 874(1) m'għandux jinqara bħallikieku jikkonfliġġi mal-Art 873 tal-Kap 12 għaliex fir-realta' ma hemm l-ebda konflitt bejn iż-żewġ disposizzjonijiet. L-Art 873 huwa aktar ġeneriku mill-Art 874. Għax hu maħsub biex ikun hekk, jimponi rekwiżiti ad hoc, bħal dak tal-"preġudizzju rrimedjabbli" li kien koltivat u żviluppat mill-ġurisprudenza, aktar milli mit-test* ***<u>strett</u>*** *tal-liġi, rekwiżit dan illi* ***<u>mhuwiex</u>*** *inkluż fl-Art 874.*

[1] Mandat t'Inibizzjoni Nru 277/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 23 ta' Ġunju 2020

*It-talba għall-ħruġ tal-Mandat skont l-Art 874 hija għodda* ***oħra*** *(innota l-frażi* ***"ukoll"****) li għandu mhux kull min jallega li għandu jedd "prima facie" li se jkun preġudikat b'mod irrimedjabbli, iżda li għandu kreditur b'debitu favur tiegħu li jaqbeż €11,646.86. Kif taraha din il-Qorti, il-punto d'incontro bejn iż-żewġ disposizzjonijiet huwa, anke għall-fini tal-Art 874(1), li l-kreditu jrid jirriżulta minn dritt "prima facie"*.

16. L-istess prinċipji ġew esposti f'aktar dettall fid-digriet mogħti riċentement minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Adrian Puglisevich et vs Vladimir Joseph Puglisevich***[2]:

*15. F'każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-****artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta****, ir-rikorrent jeħtieġlu juri żewġ affarijiet ewlenija. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent irid juri li huwa għandu mad-daqqa t'għajn, kreditu jew pretensjoni kontra l-intimat f'ammont li huwa ogħla minn €11,646.86; u fit-tieni lok, ir-rikorrent irid jispeċifika l-ġid li huwa qiegħed jitlob li jinżamm milli jiġi trasferit;*

*16. Dwar l-ewwel ħtieġa, il-liġi titlob biss li l-kreditu jew pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx inqas minn €11,646.86. F'dan is-sens, il-ġurisprudenza tgħallimna li dwar il-jedd prima facie, il-liġi fl-****artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta*** *timxi biss fuq il-pretensjoni u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa (ara* ***Avv. Etienne A. Calleja nomine et v. Peppercorn Limited et proprio et nomine*** *deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru 2019);*

*17. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' dejn jew pretensjoni hemm bżonn illi jkun hemm. Jekk id-dejn jew*

[2] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1800/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 11 ta' Jannar 2022. Ara wkoll Mandat t'Inibizzjoni 1227/2021 fl-ismijiet ***Nutar Dr Sylvana Borg Caruana vs Sharon Ellul Bonici***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 3 ta' Settembru 2021

*pretensjoni taqbeż il-€11,646.86, allura dan jitqies bħala jedd li mad-daqqa t'għajn huwa biżżejjed biex jinħareġ il-mandat (ara* ***Alfred Testa v. Carmel sive Charles Giordmaina et****, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2016);*

*18. Għal darb'oħra kontra dak li jgħid l-intimat fir-risposta tiegħu, fil-kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-****artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,*** *ma hemmx bżonn li r-rikorrent juri li dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex tiġi evitata ħsara irrimedjabbli jew ħsara li ma tistax tissewwa mod ieħor bħal fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-****artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta*** *(ara* ***Joseph Portelli v. St. John Development Limited*** *deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Lulju 2016). Mod ieħor, għall-finijiet ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-****artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta****, il-possibilta' waħedha li l-parti intimata tista' titħajjar tittrasferixxi, tgħabbi jew tgħaddi minn idejha xi ġid li jkun jista' jservi bħala garanzija għall-pretensjonijiet tal-parti rikorrenti kreditriċi huwa biżżejjed biex isejjes il-ħtieġa tal-mandat (ara* ***Joseph Demicoli et noe v. Angelic Mifsud*** *deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2016);*

17. Huwa evidenti għalhekk illi, hekk kif ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Steve Agius vs Carmel sive Charles Deguara***[3]*:*

*Fil-fehma tal-Qorti r-rekwiżiti meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fit-termini tal-Artikolu 874 tal-Kap 12 ma humiex rigorużi daqs ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12 u dan għaliex fejn si tratta ta' pretensjoni ta' kreditu li għad trid tiġi*

[3] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1439/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 12 ta' Ottubru 2021

*deċiża f'kawża fil-mertu, una volta li r-rikorrent jipprova sodisfaċentement illi għandu prima facie jedd x'jikkawtela, jinkombi fuq l-intimat li juri illi anke f'dawk iċ-ċirkostanzi l-ħruġ tal-mandat mhux meħtieġ.*

18. Ġie ritenut ukoll fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Deguara vs Anthony Deguara et***[4]:

*Illi għal finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni li trid tqis il-Qorti huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmi (€11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat minnha mitlub.*

*Tqis ukoll li l-artikolu 874(1) jgħid ċar li Mandat bħal dak jista' jinħareġ fuq is-saħħa ta' "dejn, jew kull pretensjoni oħra" sakemm tkun pretensjoni li taqbeż l-ammont li dwaru Mandat bħal dak jista' jinħareġ. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' pretensjoni tista' tkun, sakemm hija pretensjoni li tissarraf f'valur ogħla mil-limitu msemmi f'dak l-artikolu.*

*Illi, minkejja t-termini partikolari tal-imsemmi artikolu, <u>huwa meħtieġ li min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan juri lill-Qorti x'għamla ta' pretensjoni hi u kif il-ħruġ tal-Mandat huwa meħtieġ għall-ħarsien tagħha</u>.*

*[...]*

*F'dawn il-proċeduri, il-Qorti mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandu l-intimat iżda ai termini tal-artikolu 874 tal-Kap 12*

---

[4] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1924/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Ian Spiteri Bailey, 20 ta' Jannar 2022

*tal-Liġijiet ta' Malta, <u>tara oġġettivament jekk ir-rikorrenti għandhomx pretensjoni ta' jedd</u>. Mhix il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali ai finijiet oġġettivi tal-liġi.*

19. Dwar dan il-punt tal-aħħar esprimiet ruħha wkoll din il-Qorti kif diversement presjeduta fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Rose Marie Galea et vs Maria Dolores sive Doreen Desira et*** suċitat:

*Tajjeb li jkun riaffermat illi l-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja. Huwa propju għalhekk li l-liġi stabbiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ tal-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi proċediment bħal dak tal-lum kull ma għandu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd, u fejn il-grad tal-prova ma jkunx aktar dak ta' prima facie. Għalhekk bil-fatt illi tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant ieħor m'għandux ifisser li jekk il-ħruġ tal-Mandat ikun miċħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix.*

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li bil-metodu sommarju għandha tkun propju din il-qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Il-mansjoni ta' din il-qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.*

20. Premess dan kollu, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplika l-prinċipji legali suesposti għaċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami;

21. Dwar dik illi hija l-**<u>pretensjoni tar-rikorrenti noe</u>**, din il-Qorti tosserva illi mir-rikors promotur jirriżulta illi l-pretensjoni tar-rikorrenti noe hija għal *"danni kkaġunati lil Barend Buitendag u/jew kumpens lilu dovut ai termini tal-Artikolu 140(5) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta meta fl-24 ta' Marzu 2023 huwa ġie mneħħi minn Direttur tal-kumpanija Digital Cinema UTD Holding Limited (C67755), mingħajr ma ngħata d-drittijiet tiegħu ai termini tal-Artikolu 140(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta"*, liema pretensjoni r-rikorrenti noe tikkwantifika fl-ammont ta' *"erba' mija u tmenin elf Ewro (€480,000), b'riserva ta' spejjeż u imgħaxijiet ulterjuri"*;

22. L-ammont pretiż kif kwantifikat jeċċedi s-somma ta' €11,646.86, u jista' għalhekk jiġi kkunsidrat illi dan l-element huwa sodisfatt. Jonqos iżda illi tiġi identifikata l-għamla tal-pretensjoni u l-ħtieġa tal-ħruġ tal-mandat għall-ħarsien tal-istess pretensjoni;

23. Meqjusa l-provi miġjuba in sostenn tal-argumenti taż-żewġ partijet, din il-Qorti xorta waħda mhix konvinta illi r-rikorrenti noe għandha pretensjoni ta' jedd, u dan għas-segwenti raġunijiet:

    a. Barend Buitendag isostni illi s-salarju tiegħu ġie ridott. Huwa jippreżenta **Dok B**, illi jindika sempliċiment id-data tas-sbatax (17) ta' Mejju (mingħajr sena), il-kliem 'Digital Cinema U *' u '+£7,829.29', u d-data tas-sitta (6) t'April (mingħajr sena), il-kliem 'Digital Cinema U *' u '+£7,853.40'. Din il-Qorti ma tistax tqis illi dan id-dokument huwa prova sodisfaċenti, lanqas fuq bażi ta' *prima facie*, illi s-salarju tiegħu ġie ridott. Fl-ewwel lok, Buitendag ma ġab l-ebda prova taċ-ċifra illi huwa kien jipperċepixxi sakemm kien għadu Direttur, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tikkompara s-salarju ta' qabel mas-salarju t'issa, u fit-tieni lok, **Dok B** huwa nieqes minn numru ta' dettalji saljenti, fosthom is-sena illi fihom huwa pperċepixxa l-ammonti illi jidhru fid-dokument, u xi indikazzjoni illi dawn iż-żewġ ċifri huma effettivament salarju;

    b. In oltre, u abbinat ukoll mal-ewwel punt, Buitendag jikkwantifika l-ammont illi huwa qiegħed jippretendi fiċ-ċifra ta' erba' mija u tmenin elf

Ewro (€480,000), u dan mingħajr ma ġiet ippreżentata prova waħda illi tista', mill-inqas fuq bażi *prima facie*, tikkonvinċi lil din il-Qorti illi Buitendag jista' jippretendi jedd għal dan l-ammont. Huwa minnu illi dan l-ammont huwa ogħla mill-€11,646.86, iżda Buitendag ma jistax jippretendi illi din il-Qorti tilqa' t-talba tiegħu sempliċiment għaliex huwa niżżel ċifra illi taqbeż l-ammont rikjest fl-Artikolu 874(1) tal-Kap 12, mingħajr ma din il-Qorti jkollha xi forma ta' prova ta' dak illi wassal għall-istess ċifra. Mingħajr indikazzjoni ta' dak illi kien is-salarju ta' Buitendag qabel tneħħa minn Direttur, u tan-numru ta' xhur illi għalihom huwa ħa salarju ridott, m'hemm xejn illi lil din il-Qorti jista' jikkonvinċiha illi t-talba rikorrenti għandha tiġi akkolta għaliex il-pretensjoni hija waħda ġustifikata, saħansitra lanqas fuq bażi *prima facie*;

c. Finalment, hekk kif ġia ġie senjalat aktar 'il fuq, Buitendag jindika fir-rikors tiegħu illi l-pretensjoni tiegħu tirrigwarda t-tneħħija tiegħu minn Direttur tal-kumpanija Digital Cinema UTD Holding Ltd nhar l-24 ta' Marzu 2023, mingħajr ma ngħata d-drittijiet tiegħu ai termini tal-Artikolu 140(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 140(3) tal-Kap 386 jistabbilixxi illi, *"Malli jiġi riċevut avviż ta' riżoluzzjoni maħsuba biex tneħħi direttur skont dan l-artikolu l-kumpanija għandha minnufih tibgħat kopja tiegħu lil dak id-direttur u d-direttur, sew jekk ikun membru tal-kumpanija sew jekk le, ikollu jedd li jiġi mismugħ fuq ir-riżoluzzjoni fil-laqgħa."* Minn **Dok A** anness mar-risposta tas-soċjeta' intimata[5], jirriżulta illi Barend Buitendag kien preżenti għal-Laqgħa Straordinarja Ġenerali miżmuma nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2023, u ngħata l-possibilta' wkoll illi jirrispondi għall-mozzjoni sabiex jiġi mneħħi minn Direttur. Ir-risposta tiegħu ġiet saħansitra traskritta fil-Minuti tal-istess laqgħa. Din il-Qorti, għalhekk tqis illi, fuq bażi *prima facie*, jirriżultalha illi dak rikjest mill-Artikolu 140(3) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta ġie effettivament sodisfatt, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet ta' Buitendag;

[5] A fol 24 tal-proċess

24. Hekk kif diġa spjegat f'dettal aktar 'il fuq, mhux kompitu ta' din il-Qorti illi tindaga jekk għandhiex ir-rikorrenti noe possibillta' t'eżitu favorevoli fil-mertu; madanakollu, iżda, din il-Qorti tqis illi **ma ġiex sodisfaċentement pruvat, fuq bażi *prima facie*, illi r-rikorrenti noe għandha jedd ta' kreditu kontra s-soċjeta' intimata**;

25. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tiċħad** it-talba rikorrenti.

**Decide**

26. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

    i. **Tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet tat-tnejn (2) ta' Mejju 2023; u

    ii. **Tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu ta' Barend Buitendag.

**Digriet kamerali mogħti llum, l-Erbgha, għoxrin (21) ta' Ġunju 2023.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**